TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

CCT/502/11/S

Katia Mallia gja Zammit
Vs
Go plc

Illum 27 ta'Settembru,2012.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Katia Mallia gja Zammit datata 25 ta'Novembru,2011 u r-risposta tas-socjeta Go plc;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-attrici u t-trattazzjoni taghha maghmula fis-26 ta'Lulju,2012;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda telefon cellulari u li ghalkemm inbidlet parti mill-istess, dan baqa' ma hadimx kif suppost;

Illi jinghad mal-ewwel li s-socjeta konvenuta ma ressqet ebda prova li xxejjen dak mistqarr u kkonfermat bil-gurament mill-attrici;

Illi t-Tribunal ghandu quddiemu verzjoni wahda u cioe dik tal-attrici li ma gietx kontradetta bl-ebda mod mis-socjeta konvenuta;

Illi l-attrici xehdet illi ghadha ma inghatatx rimedju li hu ta' sodisfazzjon ghaliha;

Illi hadd ma deher f'isem is-socjeta konvenuta fis-seduta tas-26 ta'Lulju,2012 u ma tressqux ragunijiet ghal tali assenza;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' t-talba ta' Katia Mallia gja Zammit u Jordna lis-socjeta konvenuta Go plc jaghti telefon cellulari gdid lil Katia Mallia gja Zammit, li jkun tal-ghazla tal-attrici u liema telefon ghandu jkun tal-istess valur ta' dak mixtri mill-istess attrici fl-24 ta'Dicembru,2010, bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu mill-istess socjeta konvenuta Go plc.

Richard Sladden Av.
Arbitru

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE (+356) 21227070 FAX (+356) 21239888